**8 ta' Ottubru, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Charles Mangion

*versus*

L-Onorevoli Prim'Ministru *et*

**Konvenzjoni Ewropja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Diskriminazzjoni Politika – Leġittimu Kontradittur – Prim Ministru – Gvern – Rappreżentanza**

*Ir-rikorrent allega li kienu qegħdin jinkisru fil-konfront tiegħu d-drittijiet fundamentali tiegħu billi fil-kors ta' proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu huwa kien qiegħed isofri minn diskriminazzjoni li kienet ser twassal biex jiġi lilu negat smigħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lliberat lill-Prim Ministru u lill-Ministru ta' l-Intern mill-osservanza tal-ġudizzju u fil-meritu ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat fis-sens li ddikjarat lill-Prim Ministru kontradittur leġittimu biex joqgħod in ġudizzju fil-kawża in disamina u kkonfermat fil-kumplament.*

*Il-Prim Ministru għandu r-rappresentanza tal-Gvern in ġenerali u bħala tali huwa persuna leġittima f'ġudizzju fejn jiġi allegat ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u diskriminazzjoni.*

*Fil-meritu l-fatti mil-liema kien qiegħed jilmenta r-rikorrent ma kinux jammontaw għal diskriminazzjoni. Inoltre l-Qorti nnotat li biex diskriminazzjoni tkun vjetata taħt il-Konvenzjoni Ewropeja jeħtieġ li din tkun konnessa ma' ksur ta' xi dritt fundamentali ieħor. Fil-każ preżenti l-fatti mil-liema kien jilmenta r-rikorrent ma setgħux iwasslu biex jiġi lilu negat smigħ xieraq fil-kawża pendenti kontra tiegħu.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Charles Mangion ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivli fejn espona bir-rispett:

Illi fil-21 ta' Lulju 1989, il-Pulizija esekuttiva sezzjoni *Vice Squad* kienet sabet ammont ta' *Cannabis* fil-pussess tar-rikorrent u appuntu ġewwa d-dar tiegħu;

Illi fl-istess ġurnata, ħin u lok l-istess Pulizija sabet ukoll ammont konsiderevoli ta' Cannabis fil-pussess ta' ċertu Aquilina anzi preċiżament *fil-karozza tiegħu;*

Illi wara dan il-karozza ta' l-esponent tal-marka *Jetta* numru ta' reġistrazzjoni C – 9060 ġiet maqbuda mill-Pulizija u wara ġiet esebita fl-atti ta' l-inkjesta, fil-waqt li l-karrozza tal-persuna l-oħra Aquilina ġiet mill-ewwel rilaxxjata għand sidha u dan nonostante li fiha nstabet ammont konsiderevoli ta' ħaxixa;

Illi għall-kuntrarju ta' dan kollu l-karozza ta' l-esponent għadha miżmuma taħt l-Awtorità tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti Istruttorja u sallum għad li għaddew kważi għaxar xhur u r-rikorrent ma ġiex akkużat bl-ebda reat għadu spussessat mill-karozza tiegħu;

Illi r-rikorrent fil-preżenza ukoll ta' l-avukat tiegħu kien irrilaxxja *statement* ferm dettaljat fejn spjega li huwa in effett

qatt ma ttrafika d-droga u l-ħaxixa li nstabet fil-pussess tiegħu kien xtraha u akkwistaha mingħand il-persuna Aquilina għall-użu personali tiegħu;

Illi wara li għamel dan l-istatement, l-esponent ħa ħsieb anke li jassisti l-Pulizija kkollabora magħha u ġabrilha informazzjoni ferm importanti. Di fatti huwa reġa' avviċina l-Pulizija u ta aktar informazzjoni u indikalha min kien jixtri mingħand din il-persuna u ma min kienet qed tinnegozja din l-istess persuna u anke fejn kienet qed topera u taħżen l-istess droga;

Illi dan nonostante ftit wara l-inċident tal-21 ta' Lulju 1989 Aquilina tressaq il-Qorti malajr malajr u ġie akkużat bil-pussess ta' droga, huwa ammetta u weħel *Probation* u multa u dan kollu f'perijodu qasir ħafna;

Illi jirriżulta illi issa l-Pulizija bi ħsiebha tressaq lill-esponent il-Qorti u takkużah bi traffikar ta' droga u hi pronta li tuża lil Aquilina bħala xhud prinċipali kontra tiegħu stante li dan biex jiskolpixxi lilu nnifsu għamel *statement* u qal li xtara d-droga mingħand l-esponent. Dan jirriżulta mir-risposta li ta l-Kummissarju għar-rikorsi ta' l-esponent fejn talab 'il-Qorti tirrilaxxjalu l-karozza;

Illi dan l-aġir tal-Pulizija esekuttiva huwa biċ-ċar diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u huwa leżiv tad-drittijiet tiegħu kif protetti mill-artikolu 14 ta' l-ewwel *protocol* tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem liema artikolu jiddisponi; illi *"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex race colour, language,*

*religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority property, birth or other status'';*

Illi in effetti d-diskriminazzjoni li qed jilmenta dwarha r-rikorrent ser ikollha import negattiv u qawwi fuq id-dritt tiegħu li jkollu *'a fair and public hearing'* u d-dritt li jkun presunt innoċenti sakemm ma jinstabx ħati skond il-liġi kif sanċit fl-artikolu 6(1) u (2) ta' l-istess konvenzjoni għaliex issa huwa bl-aktar mod ovvju u lampanti li l-imsemmi Aquilina altrochè li ser ikollu interess kbir li jixhed kontra l-esponent anzi mhux ser ikollu triq x'jagħżel stante li ġie favorit;

Talab għalhekk ir-rikorrent lil dik l-Onorabbli Qorti: –

1. *Tiddikjara illi l-aġir tal-Pulizija esekuttiva kif fuq spjegat* jammonta għal deskriminazzjoni kontra r-rikorrent u dan bi ksur ta' l-artikolu 14 ta' l-ewwel skeda tal-konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Tipprojbixxi lill-intimat milli b'xi mod itellgħu lill-imsemmi Philip Aquilina bħala xhud fil-proċeduri Kriminali kontra l-esponent;

3. Tordna li l-karozza ta' l-esponent tiġi rrilaxjata f'idejh immedjatament;

4. Tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet neċessarji u li jidhrilha opportuni sabiex tirrimedja d-diskriminazzjoni li sofra l-esponenti;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn esponew bir-rispett:

1. Preliminarjament, illi darb'oħra, l-esponenti Prim Ministru u Viċi Prim Ministru bħala Ministru responsabbli għall-Pulizija għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-persuna tagħhom f'dawn il-proċeduri mhiex indispensabbli għall-integrità ta' l-istess ġudizzju, u anke ukoll peress li l-istess esponenti mhumiex leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri għal raġunijiet ben saputi, ben trattati ormai u kostantement enunzjati mill-Qrati lokali;

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rrilevat li s-setgħat u dmirijiet tal-Pulizija Esekuttiva fil-proċedimenti Kriminali huma definitivament stabiliti fil-Kodiċi Kriminali (artikolu 346 *et sequitur*), u fost affarijiet oħra, il-Pulizija għandha d-dmir li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi u li ġġib il-ħatjin, sew l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja. Dmir ieħor huwa li ġġib quddiem il-Qorti mill-aktar fis li tista', u, meta jista' jkun, flimkien ma' l-imputat, il-provi kollha li tkun ġabret fuq ir-reat, u għandha ukoll wara li l-imputat jiġi mressaq quddiem il-Qorti tibqa' tiġbor u tagħti lill-Qorti tal-Maġistrati jew, jekk u wara li l-imputat jintbagħat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża, lill-Avukat Ġenerali, kull informazzjoni oħra li jista' jkollha dwar ir-reat; dmirijiet, dawn kollha, li ġew regolarment u legalment eżerċitati fil-konfront kemm tal-persuna Aquilina, li għaliha jirriferi r-rikorrent, kif ukoll ta' l-istess rikorrent, b'tali mod li ġie rispettat id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Effettivament, u anke kif jammetti l-istess rikorrent, l-akkużat l-ieħor Aquilina ġà tressaq quddiem l-awtorità ġudizzjarja u l-każ tiegħu instema' minn Qorti independenti u imparzjali;

3. Illi l-interpretazzjoni tar-rikorrent tal-kunċett tas-smigħ xieraq u fil-pubbliku hija erronea u assolutament skorretta. Mhuwiex mill-esponent Kummissarju tal-Pulizija li r-rikorrent għandu dritt jippretendi u jistenna smigħ xieraq u fil-pubbliku; iżda minn Qorti li, allura (u proprju biex jiġi rispettat u mwettaq fil-prattika dak id-dritt), trid tkun independenti u imparzjali, fejn il-proċedimenti jkunu fil-miftuħ u aċċessibbli għall-pubbliku u fejn imputat ikun preżunt innoċenti sakemm ma jinstabx ħati. Żgur li r-rikorrent ma huwa qed jallega (u, fil-fatt, ma jistax) ebda vjolazzjoni ta' dan id-dritt, daqs kemm huwa żgur ukoll li, għalkemm min-naħa l-waħda l-Pulizija wettqet id-dmir tagħha li tiġbor u tressaq quddiem l-awtorità ġudizzjarja x-xhieda u provi kollha possibbli u eżistenti fuq ir-reat in kwistjoni, b'mod oġġettiv, min-naħa l-oħra l-istess Pulizija jibqagħlha d-dmir ukoll li tipprova mingħajr ebda dubbju raġonevoli l-ħtija ta' imputat skond kif tkun akkużatu fl-ewwel post;

4. Illi jiġi rilevat ukoll li skond l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni li jipproteġi lill-bniedem minn diskriminazzjoni minħabba r-raġunijiet hemm tassativament delineati (u, inċidentalment ir-rikorrent ma huwa qiegħed jindika ebda waħda jew oħra minn dawn ir-raġunijiet) fis-subinċiż (8) joħroġ li ebda persuna ma' tista' tallega ebda diskriminazzjoni fil-konfront tagħha fl-eżerċizzju ta' xi diskrezzjoni dwar l-għemil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri kriminali f'xi qorti li jkollha xi persuna (bħal ma għandu l-esponent Kummissarju tal-Pulizija) bi jew skond il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra;

5. Illi, bl-istess mod, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ukoll jistabilixxi, b'mod tassattiv, ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni, bħalma huma l-politika, ir-reliġjon jew

proprjetà, u r-rikorrent, fl-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni kontrih, ma huwa qed jindika jew jallega ebda waħda minn dawk ir-raġunijiet, u għaldaqstant, l-invokazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 14 hija rrelevanti u inapplikabbli għall-każ odjern, għalkemm l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, anke fil-ġeneralità tagħha, tibqa' nfondata fil-fatt. Mhux biss, imma talli d-diskriminazzjoni kontemplata fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, għalkemm mhiex ristretta daqs l-art. 45 tal-Kostituzzjoni, anke kieku wieħed kellu jipprova diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, biex jinvoka l-protezzjoni ta' l-Artikolu 14 irid l-ewwel jipprova li hu ġie diskriminat fi dritt protett mill-istess Konvenzjoni (ara Enrichetta Welch vs Segretarju Parlamentari tad-Djar *et*, P.A. Sede Kostituzzjonali (Imħallef A. Manchè) 4/10/89);

Għaldaqstant l-esponenti umilment jiddikjaraw li ma fadlilhom ebda dubbju li dik l-Onorabbli Qorti ma hija sejra tagħmel xejn dwar ir-rikors odjern, għajr li tieħdu bħala insostenibli fid-dritt;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Mejju 1990 li biha ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti bl-ispejjeż kontra tiegħu u dana wara li kkunsidrat:

Illi t-talba ewlenija tar-rikorrenti, billi l-oħrajn huma konsegwenzjali għaliha hija għal dikjarazzjoni fis-sens li l-aġir tal-Pulizija eżekuttiva fuq fatti esposti minnu jammontaw għal diskriminazzjoni kontrih bi ksur ta' l-art. 14 ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi fost diversi eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati hemm l-ewwel waħda relattiva għar-rappreżentanza ġuridika tat-tlett intimati fis-sens illi "il-presenza tagħhom f'dawn il-proċeduri mhix indispensabbli għall-integrità ta' l-istess ġudizzju" u dan ukoll billi l-Onor. Prim Ministru u l-Onor. Viċi Prim Ministru mhumiex il-leġittimi kontradittur di fronte r-rikorrenti". Wara li semgħet id-difensuri tal-partijiet, il-Qorti taqbel ma' dak li ġie sottomess mill-intimati. Fl-ewwel lok, il-ħtieġa għaliex jitħarrek ukoll il-Ministru tal-Ġustizzja ma ġietx ippruvata jew murija bl-ebda mod. Dwar l-Onor. Prim Ministru saret riferenza għall-fatt li l-Konvenzjoni Ewropeja hija trattat li fih wieħed mill-partijiet kontraenti huma l-Istat ta' Malta. Ergo, sostna r-rikorrenti, għandu jieħu r-rappreżentanza ta' l-Istat ta' Malta l-intimat Prim Ministru. Jiġi hawn rilevat li l-proċedura odjerna hija waħda taħt il-liġi domestika u mhux taħt il-liġi pubblika internazzjonali u għalhekk bħala tali t-teżi tar-rikorrenti ma treġġix u f'kull każ sa issa għadha prematura u barra minn lokha. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari qiegħda tintlaqgħa u l-Qorti tordna l-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru u viċi Prim'Ministru u Ministru ta' l-intern u Ġustizzja a spejjeż tar-rikorrenti.

Dwar il-meritu proprju tal-vertenza, ħareġ ċar sija mir-rikors, mill-provi, kif ukoll mit-trattazzjoni illi r-rikorrenti mhu qed jattakka jew jallega ebda ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa qiegħed invece jallega biss vjolazzjoni ta' l-art. 14 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem billi jgħid li bl-estenzjoni tagħha ta' "*the enjoyment of the rights and freedoms set forth..... shall be reserved without discrimination on any ground.....*";

Jgħid illi bl-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa mhux ser ikollu *'a fair and public hearing'* u l-preżunzjoni ta' l-innoċenza tiegħu bħala akkużat ġiet leża kontra dak li hemm sanċit fl-artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Bħala fatti – in parti ammessi mir-rikorrenti nnifsu, jirriżulta illi:

1. L-intimat Kummissarju tal-Pulizija, permezz tal-Pulizija li jaqgħu taħtu, sabu kwantità ta' *cannabis sativa* fil-pussess tar-rikorrenti;

2. il-karozza ta' l-esponenti numru G – 9060 tal-marka *Jetta* ġiet ukoll maqbuda u għadha miżmuma llum taħt l-Awtorità tal-Qorti bħala parti mill-provi;

3. Illi r-rikorrenti għadda diversi tagħrif lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar tqassim u traffikar ta' droga;

Issa r-rikorrenti ma jieqafx hawn imma għamel riferenza wkoll għall-fatti rigwardanti persuna oħra, ċertu Philip Aquilina, li skond hu kien implikat ukoll fil-viċenda u li dwaru effettivament l-istess Kummissarju ħa passi. Fil-fatt, a skans ta' ħafna xhieda fit-tul, id-difensuri tal-partijiet għamlu verbal konġunt fis-seduta tas-27 ta' Marzu 1990 li dwar Philip Aquilina qablu kwantu segwe:

a) il-karozza ta' dan Aquilina, li kienet ukoll miżmuma mill-Pulizija, ġiet rilaxxjata ftit wara l-inċident, waqt li dik tar-rikorrenti għadha miżmuma;

b) illi fil-karozza ta' Aquilina nstabet kwantità ta' *cannabis sativa*;

ċ) illi fil-karozza tar-rikorrenti nstab biss ftit frak tal-*cannabis* u s-sustanza tal-*cannabis* instabet id-dar tiegħu;

d) illi Philip Aquilina tressaq taħt att ta' akkuża fil-15 ta' Settembru 1989 bil-pussess ta' *cannabis* u nstab ħati b'sentenza ta' l-24 ta' Ottubru 1989 fuq ammissjoni u immultat Lm200;

Wara li xehed ir-rikorrenti u d-difensur tiegħu saret it-trattazzjoni orali;

Illi fil-fehma tal-Qorti wara illi kkunsidrat il-provi u dak li qed jiġi allegat ma ssib ebda vjolazzjoni kif invece sottomessa mir-rikorrenti bi skur tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ibda biex għandu jiġi rrilevat illi sa issa ebda att ta' akkuża ma ġie fformulat kontra r-rikorrent u għalhekk it-talbiet tiegħu fil-konfront tal-persuna tiegħu huma prematuri kif ukoll intempestivi. Illi dwar il-vettura tiegħu, kemm-il darba l-intimat fil-veċi tiegħu ta' prosekutur jidhirlu li din hija konnessa mar-reat jew reati li talvolta jistgħu jiġu rivolti kontra r-rikorrenti, huwa kellu u għad għandu kull dritt li jaġixxi bil-mod illi aġixxa. Barra minn dan, il-fatt, illi r-rikorrenti seta' kkopera u kkolabora mal-pulizija waqt l-investigazzjoniiet tagħhom dan bl-ebda mod ma għandu jfisser li allura huwa għandu jingħata b'xi dritt trattament preferenzjali. Ħaġa bħal din hija diskrezzjoni assoluta tal-Qorti u tal-ġudikant li, fil-latitudini li għandu jkollu meta jiġi biex jagħti piena, u wara li tkun irriżultat ħtija u mhux qabel, jara jekk jeżistux attenwanti li b'xi mod għandhom jinfluwixxu fuq il-piena li għandha tingħata. Il-Qorti lanqas fehmet kif ir-rikorrent qiegħed

jippretendi li Philip Aquilina, li l-każ tiegħu ġie deċiż, ma jistax jiġi prodott b'xhud jekk il-Prosekuzzjoni eventwalment ikun jidhrilha opportun. Hija inoltre asserzjoni totalment gratwita tar-rikorrenti li Aquilina issa 'ser ikollu interess kbir li jixhed kontra l-esponenti anzi mhux ser ikollu triq oħra x'jagħżel stante li ġie favorit'. L-iżball fundamentali li qed jagħmel ir-rikorrenti huwa dak illi jippretendi li l-mod kif kellha tiġi kondotta l-investigazzjoni, il-konklużjonijiet relattivi, il-formulazzjoni ta' l-att ta' l-akkuża, il-provi li għandhom jinġiebu 'l quddiem u l-proċeduri kollha relattivi għandu jiddettahom hu għar-raġuni li skond hu, huwa kkollabora kemm seta' mal-Pulizija. Bir-rispett kollu, il-Qorti hija tal-fehma li dan kollu huwa totlament skorrett u nfondat. L-aġir ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija huwa sanċit mill-Kodiċi Kriminali u ma sar xejn bi ksur tiegħu. Il-Pulizija għandha kull dritt li tissepara l-proċediment fejn hemm iżjed minn akkużat wieħed. Il-Prosekuzzjoni m'hijiex marbuta li toħroġ att ta' akkuża identiku fejn hemm iżjed minn imputat wieħed. Illi li tgħid għalhekk illi għaliex il-Prosekuzzjoni, ossija l-Pulizija, qiegħda tipproċedi skond kif mogħti lilha mill-Kodiċi Kriminali u dak Proċedurali kontra r-rikorrenti qiegħda hija b'daqshekk tippriva lir-rikorrenti minn *'a fair and public hearing'* ma jagħmel ebda sens. Dan apparti l-fatt li sa issa la kien hemm *'a hearing'* u lanqas ma ġiet intakkata l-presunzjoni ta' l-innoċenza tar-rikorrenti. Illi għalhekk kull raġonament ulterjuri min-naħa ta' din il-Qorti jkun superfluwi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Charles Mangion ippreżentat fid-19 ta' Mejju 1990 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tikkanċella u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Mejju 1990 fl-ismijiet premessi u billi tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati u

tilqa' l-appell tiegħu billi tiddikjara li l-aġir tal-Pulizija esekuttiva jammonta għal diskriminazzjoni kontra tiegħu u dana bi skur ta' l-ewwel skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, tipprojbixxi lill-intimati milli b'xi mod itellgħu lill-imsemmi Philip Aquilina bħala xhud fil-proċeduri kontra tiegħu, tordna li l-karozza tiegħu tiġi rilaxxata f'idejh immedjatament u tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet neċessarji u li jidhrilha opportuni sabiex tirrimedja d-diskriminazzjoni li sofra u dan prevja li tiddikjara li l-intimati Prim Ministru, Viċi Prim Ministru bħala Ministru tal-Pulizija u l-Kummissarju tal-Pulizija huma l-leġittimi kontradittturi, – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati appellati ppreżentata fil-5 ta' Ġunju 1990;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat: –

Ir-rikorrent appellant qiegħed fl-ewwel lok jappella minn dik il-parti tas-sentenza li laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-intimati fis-sens li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala Ministru responsabbli għall-Pulizija ma humiex leġittimi kontradittturi u ordnat il-liberazzjoni tagħhom mill-osservanza tal-ġudizzju;

Il-pożizzjoni legali fuq dan il-punt illum tinsab kjarifikata b'deċiżjonijiet reċenti ta' din il-Qorti li għalhekk m'għandhiex

tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tagħmel riferenza għal din il-ġurisprudenza.

Kwantu għall-Onorevoli Prim Ministru, il-kwistjoni ġiet tratta reċentement ***funditus*** fil-kawża "Simon Brincat vs l-Onorevoli Prim Ministru *et*" deċiża fit-30 ta' Mejju 1990. F'dik il-kawża l-Qorti, wara li ċċitat sentenzi oħra fosthom dik fil-kawża 'Buttigieg vs Mizzi *nomine*' deċiża fid-9 ta' Ottubru 1989 fejn ġie ritenut li għall-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem hu azzjonabbli l-Istat, salv dak li hemm eċċettwat fil-Kostituzzjoni (u *fil-każ preżenti l-Kostituzzjoni mhux qiegħda tiġi nvokata*), waslet għall-konklużjoni li l-Onorevoli Prim Ministru, billi jirrappreżenta lill-Gvern fil-kollettività tiegħu, huwa azzjonabbli f'każijiet simili. L-Istat infatti jittratta maċ-ċittadin taħt forma ta' Gvern u r-responsabbiltà tal-Gvern, f'sens kollettiv, jerfagħha l-Onorevoli Prim Ministru. Għalhekk, l-Onorevoli Prim Ministru għandu jiġi kkonsidrat leġittimu kontradittur f'din il-kawża u l-appell f'dan ir-rigward huwa fondat.

Kwantu għall-pożizzjoni ta' l-Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala Ministru responsabbli għall-Pulizija jiġi osservat li b'nota ppreżentata fil-25 ta' Ġunju 1990 l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern assuma l-atti tal-kawża minfloku. Jiġi osservat li t-talba fir-rikors promotorju tal-ġudizzju hi fis-sens li l-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-Pulizija esekuttiva jammont għal diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti bi ksur ta' l-artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja, li l-intimati jiġu pprojbiti *milli b'xi mod itellgħu lill-imsemmi Philip Aquilina* bħala xhud fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, li l-Qorti tordna li l-karozza tiegħu tiġi rilaxxjata u li l-Qorti tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet neċessarji u opportuni biex tirrimedja għad-diskriminazzjoni;

Issa ġie ritenut fil-kawża "Stafrace *noe* vs Aġent Reġistratur tal-Qrati *et*" deċiża fid-9 ta' Novembru 1988, li minħabba mhux biss li l-awtorità esekuttiva ta' l-Istat hija separata u distinta mill-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat imma anke għax il-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri ta' l-Istat u ta' l-indipendenza tal-ġudikatura hekk jirrikjedu, Ministru ma jistax ikun leġittimu kontradittur f'kawża intiża interalia biex il-Qorti tagħti ordni biex jiġi esegwit minnu meta dan ikun jimporta indħil f'awtorità oħra ta' l-Istat, ċjoè l-Awtorità Ġudizzjarja;

Fil-każ preżenti l-Onorevoli Ministru ma jistax ikun leġittimu kontradittur f'din il-kawża peress li kieku kellhom jintlaqgħu t-talbiet ta' l-imsemmi rikors promotorju, huwa ma jista' jingħata ebda ordni x'jesegwixxi mingħajr ma jkun qed jindaħal fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja li, kif ingħad fuq hija mansjoni riservata lill-poter ġudizzjarju ta' l-Istat. Għalhekk l-imsemmi Onorevoli Ministru mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża u l-appell fir-rigward tiegħu għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

Ikkunsidrat:

Kif jidher minn eżami tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u b'mod partikolari mit-talbiet hemm kontenuti, l-azzjoni preżenti qiegħda tiġi bbażata fuq l-Artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda annessa ma' l-Att XIV ta' l-1987, liema Skeda tirriproduċi l-artikoli 2 sa 18 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Infatti qiegħed jiġi mitlub fl-ewwel talba li l-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-pulizija esekuttiva jammonta għal diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti u dana bi ksur ta' l-imsemmi l-artikolu 14. It-talbiet

l-oħra kontenuti fl-istess rikors promotorju huma pedissekwi għal din l-ewwel talba;

Issa l-imsemmi artikolu 14 jiddisponi li: "*it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni* għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni minħabba s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġinali, nazzjonali jew soċjali, assoċċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor";

Dan l-artikolu 14 ġie interpretat awtrevolment fil-*"Belgian Linguistic Case"* deċiża din il-kawża fil-meritu fit-23 ta' Lulju 1968. Skond din id-deċiżjoni *"the Article has no independent existence since its relates solely to the rights and freedoms set forth in the Convention" (Ara Sieghart, The International Law of Human Rights,* paġna 77, para. 7.0.4., tieni subparagrafu). L-imsemmi artikolu 14 qisu jifforma parti integrali ta' kull wieħed mill-artikoli li jikkontemplaw it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet fundamentali. Iżda, ikompli josserva is-Sieghart (op.ċit.). *"A measure which appears to conform with the requirements of an article enshrining a particular right or freedom may yet infringe that article when read in conjunction with EHR 14 (art. 14) if its effect is discriminatory"*;

Jidher minn eżami ta' l-imsemmi rikors promotorju tal-ġudizzju li r-rikorrent appellant qiegħed jilmenta li d-diskriminazzjoni li qiegħed isemmi, fil-kliem tar-rikors "ser ikollha *impact* negattiv u qawwi fuq id-dritt tiegħu *lli jkollu "a fair and public trial"* u d-dritt li jkun preżunt innoċenti sakemm ma jinstabx ħati skond il-liġi kif sanċit fl-art. 6(1) u (2) ta' l-istess Konvenzjoni. L-imsemmi art. 14 għalhekk invokat mir-

rikorrent għandu jiġi kkunsidrat fir-rigward ta' l-imsemmi art. 6(1) u 62) tal-Konvenzjoni.

L-art. 6(1) jiddisponi **interalia** li fid-deċiżjoni ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi;

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet ta' l-appellant f'dan ir-rigward iżda ma tarax li hemm jew se jkun hemm xi diskriminazzjoni kontra r-rikorrent li taffettwa d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u imparzjali. Il-Qorti ma tarax kif il-fatt li l-karozza ta' Aquilina ġiet rilaxxjata meta tiegħu ma ġietx jista' jaffetta il-*"fair and public hearing"* tal-kawża kontra r-rikorrent meta din tiġi proposta. L-eżitu tagħha jiddependi mill-provi li jiġu prodotti biex tiġi pruvata l-akkuża u li jiġu kkunsidrati minn min għandu jiġġudika u ma tiddipendix miċ-ċirkostanza tinsabx jew le maqbuda l-karozza tiegħu u depożitata l-Qorti. Il-fatt imbagħad li Aquilina diġà tressaq quddiem il-Qorti u nstab ħati mentri l-akkuża għadha ma nħarġitx kontra r-rikorrent ma jfissirx li hemm xi diskriminazzjoni li jaffettwa l-*"fair and public hearing"* tal-kawża (meta tiġi proposta) kontra r-rikorrent. L-eżitu ta' din il-kawża, kif ġà ingħad, ikun jiddependi mill-provi li jinġiebu kontra r-rikorrent u mhux miċ-ċirkostanza li huwa ma tressaqx flimkien ma' Aquilina. Ir-rikorrent qiegħed jallega li l-Pulizija beħsiebha tressaq lil Aquilina bħala xhud kontra tiegħu. Iżda ma hemm l-ebda prova dwar daqshekk u anke kieku kellu jiġri hekk, dan ma jistax jaffettwa l-*"fair and public hearing"* li r-rikorrent huwa ntitolat għalih billi dik id-depożizzjoni u *del resto* kwalunkwe prova oħra għandhom jiġu kkunsidrati u valutati fid-dawl tad-disposizzjonijiet rilevanti

tal-liġi;

Ir-rikorrent appellant semma wkoll ir-raġuni li huwa kkopera mal-Pulizija billi tahom ħafna informazzjoni. Anke hawn il-Qorti ma tarax li din iċ-ċirkostanza tista' twassal għal xi disrkiminazzjoni kontra r-rikorrent fil-proċeduri li jittieħdu kontrih u li taffettwa s-smigħ xieraq tal-kawża kontra tiegħu;

Lanqas ma tara li ċ-ċirkostanzi fuq imsemmija jistgħu b'xi mod jaffettwaw il-preżunzjoni ta' l-innoċenza ta' l-appellati rikorrenti kontemplata fl-art. 6(2) ta' l-Konvenzjoni. Ir-rikorrent appellant, fi kwalunkwe proċeduri kontrih, ikun igawdi din il-preżunzjoni ta' l-innoċenza u minħabba din il-preżunzjoni min jakkużah ikollu l-obbligu li jipprova dak li bih qed jakkużah a sodisfazzjoni ta' min qed jiġġudika;

Il-Qorti għalhekk ma tarax li tista' fil-meritu tiddipartixxi mill-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi (1) billi tiddikjara li l-intimat Onorevoli Prim Ministru huwa leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk tilqa' l-appell tar-rikorrent f'dan ir-rigward u tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu din illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati (2) billi tiddikjara li l-intimat Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern (li fil-pendenza ta' l-appell assuma l-atti tal-kawża minflok l-Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala responsabbli għall-Pulizija) mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk tiċħad l-appell tar-rikorrent f'dan ir-rigward u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellant u (3) billi fil-meritu tiċħad

l-appell tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi (apparti dawk fuq deċiżi) kontra r-rikorrent appellant.